MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2006

Numru. 876/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Mario Tonna**
**vs**
**Angelo Sozzi**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Angelo Sozzi ta' 21 sena mwieled gewwa Catania nhar l-14 ta' Ottubru 1984 iben Giovanna u Lucia nee Cutugno residenti temporanjament gewwa Intercontinental Hotel San Giljan, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru AH21644314**

**Akkuzat talli fis-17 ta' Awissu 2006 ghall-habta ta' 4.30am gewwa l-isptar San Luqa Pieta, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblikua kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe**

**fuq il-persuna ta’ PC 488 E Cilia ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew jbezzghu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe fuq il-persuni ta’ l-istess ufficjal tal-Pulizija imsemmi fl-akkuza hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess ufficjal pubbliku imsemmi sabiex jingurja jew jaghmlu hsara lill-istess ufficcjal pubbliku dan ai terminu tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet  legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membru tal-korp tal-pulizija jaghmel dak li b’ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**
**Rat l-atti kollha tal-process. Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.  Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh mill-ewwel.**

**Rat illi l-imputat wara li nghata zmien, baqa jikkonferma li ma ghandux oggezzjoni li dawn il-proceduri jkunu sommarji u anke baqa jikkonferma l-**

**ammissjoni tieghu. Galadarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh, dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(H), 92, 95 u 96, 339(d), 338(d)(d), 338(e)(e) mtal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh. Il-Qorti tinnota li dan il-kaz sar gewwa l-isptar fejn fl-istess sptar kulhadd ikun anzjuz inkluzi l-pulizija li jkunu jissorveljaw il-pazjenti u l-qraba taghhom. Waqt li din il-Qorti jidrilha li stante l-iskuza li ghamel l-imputat lill-pulizija u kif ukoll il-fedina penali nadifa tieghu u l-ammissjoni bikrija tieghu, ma ghandux l-imputat jintbghat ghal prigunerija. Il-Qorti qed tuza pero d-diskrezzjoni taghha moghtija that l-Artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok prigunerija qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' LM200 li ghandha tithallas minnufih jew inkella din tinbidel f'40 jum prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------